*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti ta' seduta numru 7 tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 10 ta' Awissu 2015 fis-6:00p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.)<br>Joseph Cutajar (J.C.)<br>Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Leanne Grech (L.G.)<br>Josette Busuttil (J.B.)<br>Herman Reuben Schiavone (H.S.)<br>Stanley Zammit (S.Z.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1 Qari u approvazzjoni ta' minuti
2 Arisings mill-Minuti
3 Korrispondenza
4 Rapport Finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodi April-Gunju 2015
5 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv
6 Approvazzjoni ta' hlasijiet
7 Approvazzjoni ta' petty cash
8 Approvazzjoni ta' works orders/ purchase orders
9 Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera
10 Attivitajiet
11 Ambaxxatur (VOT 16)
12 Affarijiet ohra
13 Aggornament

Is-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**07/01** **Qari u Approvazzjoni ta' minuti**

07/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduti precedenti, seduti numru 5 u 6, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

07/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sur Hermann Schiavone il-minuti tas-seduta numru 6 gew unanimament approvati

07/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

07/04 Is-Sur Joseph Baldacchino gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali illi fil-minuti numru 5 kien jidher li kien hemm xi komunikazzjonijiet li kien ressaq hu nieqsa. Wara li gie ezaminat id-dokument irrizulta li kien hemm faccata mill-minuti li ma kenitx giet stampata. Ghaldaqstant, gie deciz illi l-minuti jigu approvati fis-seduta segwenti.

**07/02** **Arisings mill-Minuti**

07/02/01 Is-Sur Hermann Schiavone staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta 05/02/01 li kienet tikkoncerna 'oil spills'. Is-Sindku spjega kif kienu zvolgew l-affarijiet u informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar l-20 t'Awissu 2015, kienet ser tinzamm laqgha li matulha tigi diskussa l-materja. Segwiet diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti.

07/02/02 Is-Sur Stanley Zammit qal illi b'konnessjoni ma' minuta 05/11/05, li kienet tikkoncerna il-facilitajiet sotterraneji ta' Kalafrana kienet ghadha ma nstabitx l-informazzjoni mehtiega u ghaldaqstant il-mozzjoni rispettiva kienet ghadha ma gietxipprezentata.

07/02/03 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kenitx intbaghtet l-ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet hekk kif maqbul f'minuta 05/11/07.
Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma illi l-ittra kienet intbaghtet.

07/02/04 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta 05/11/10 li kienet tikkoncerna railing biswit il-klabb tal-bocci.
Wara diskussjoni libera, li matulha gie diskuss x'seta' jsir sabiex jigi evitat il-periklu, kien hemm qbil unanimu illi s-Sur Joe Cutajar kellu jiccekkja sabiex jara jekk fil-post jistghux jitpoggew *pre-cast kerbs*.

07/02/05 Is-Sur Kevin Barun staqsa lis-Sur Joseph Cutajar jekk kienx zamm laqgha mal-Perit William Lewis rigward xogholijiet f'Misrah is-Summit.
Is-Sur Cutajar informa lill-Kunsill Lokali illi l-laqgha ma kenitx inzammet.

07/02/06 Is-Sur Kevin Barun staqsa lis-Sur Joseph Cutajar jekk kenitx inhadmet l-istima ghall-moll ta' hdejn ir-ramel fiz-zona tal-bajja s-sabiha
Is-Sur Cutajar informa lill-Kunsill Lokali illi huwa kien tal-opinjoni illi l-materjal mehtieg sabiex isiru x-xogholijiet kien ser jiswa' madwar €5 000. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba ikun possibbli il-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex ix-xoghol imsemmi isir taht l-iskema Urban Improvement Fund tal-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar. Fil-frattemp, il-Kunsill Lokali kellu jibda' l-process sabiex tigi ppreparata d-dokumentazzjoni halli tkun tista' tinhareg sejha ghall-offerti kemm il-darba ikun hemm il-htiega.

**07/03** **Korrispondenza**

07/03/01 Permezz ta' e-mail datat 6 t'Awissu 2015, is-Sur Ian Spiteri, talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi parti minn bankina fi Triq San Gwann c/w Triq San Dwardu issir bil-konkos minflok paving blocks. Is-Sur Spiteri sahaq illi kien qieghed jissuggerixxi l-modifika msemmija peress illi l-parti tal-bankina in-kwistjoni kienet ser tkun qieghda taghti access ghal garaxx u jkun aktar ghaqli illi l-bankina tkun maghmula mill-konkos sabiex ma ssiriliex hsara.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Spiteri kemm il-darba l-konkos ma jkunx lixx izda jsir imprint concrete li jaqbel mal-estetika tal-bakina ezistenti.

07/03/02 Permezz ta' e-mail datat 10 t'Awissu 2015, Dun Gwann Farrugia, f'isem il-FondazzjoniU talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess sabiex nhar it-22 u d-29 t'Awissu u l-5 ta' Settembru 2015, titnizzel karozza gewwa l-bajja s-sabiha bil-ghan illi jinbieghu biljetti ghal lotterija li kienet ser tkun qieghda ttella' l-istess fondazzjoni.
Wara diskussjoni libera, li matulha il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba in-kwistjoni, gie deciz illi fondazzjoniU tintalab tidentifika gurnata ohra minflok it-22 t'Awisssu 2015 peress li dakinhar fil-bajja s-sabiha kien ser ikun hemm attivita' ohra.

07/03/03 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Lulju 2015, is-Sur Neville Ebejer talab lill-Kunsill Lokali jidentifika zona fil-lokalita' sabiex fihom jithawwlu sigar indigeni Maltin permezz tal-iskema 34u
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jirrakkomanda illi jsir thawwil ta' sigar indigeni fi Triq F.M. Ferretti kantuniera ma' Triq l-Gherien.

07/03/04 Permezz ta' ittra datata 15 ta' Lulju 2015, is-Sur Giuseppe Spampinato talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex bejn il-5 u t-28 t'Awissu 2015 ikun jista'jarma posta sabiex ibigh helu miz-zona tal-bajja s-sabiha.
Kien hemm diskussjoni libera li matulha minbarra t-talba tas-Sur Spampinato gie diskuss x'kien ser isir f'eventwali talbiet ghal permessi simili. Gie deciz illi kemm il-darba jsiru talbiet simili, dawn jigu evalwati b'mod individwali u jinhragu l-permessi skond l-ispazju disponibbli. Is-Sur Joseph Baldacchino gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ghall-fatt illi fl-opinjoni tieghu, ma kienx hemm id-distanza legali mitluba minn stabbilimenti kummercjali sabiex ikun jista' jinhareg il-permess hekk kif mitlub. Finalment, is-Sur Hermann Reuben Schiavone ressaq proposta sabiex kemm il-darba, id-distanza tkun konformi mal-ligi, jigu osservati regolamenti dwar sahha u sigurta' u ma jintuzax generatur tal-elettriku, il-Kunsill Lokali johrog il-permess hekk kif mitlub. Is-Sur Stanley Zammit issekonda l-proposta tas-Sur Schiavone li ghaddiet b'votazzjoni ta' erba' voti favur u tliet voti kontra.

07/03/05 Permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju 2015, is-Sur Lawrence Micallef informa lill-Kunsill Lokali illi kien talab lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex permess li kellu fil-bajja s-sabiha ( numru 95808) jigi rikolat ghal sit iehor fl-istess bajja. Is-Sur Micallef talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi tinhareg 'no objection' letter min-naha tal-Kunsill Lokali ghall-allokar tas-sit il-gdid.
Wara diskussjoni libera li matulha gie diskuss l-operat tas-Sur Micallef, il-Kunsill Lokali qabel illi kemm il-darba ma jkunx hemm kunflitti bejn kirjiet tal-art min-naha tad-Dipartiment tal-Artijiet il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-

talba tas-Sur Micallef. Minbarra dan, kellha titnizzel kundizzjoni illi l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet suggetta ghal konformita' mal-permessi mahruga u mal-ligijiet, u li ma jintramawx deckchairs u umbrellel qabel jinkrew.

07/03/06 Permezz ta' petizzjoni li waslet fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar is-16 ta' Lulju 2015, il-Kunsill Lokali gie mitlub minn numru ta' residenti li jabitaw fi blokki B u C tal- Gvern fi Triq il-Port Hieles sabiex jevalwa l-possibilita' illi jinstalla *traffic calmer* sabiex jigu evitati numru ta' problemi ewlenin fosthom problema ta' sewqan eccessiv.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob lir-residenti li talbu l-imsemmija traffic calmer sabiex jidentifikaw post specifiku fit-triq imsemmija fejn kellha ssir l-imsemmija *traffic calmer*. Kemm il-darba ikun hemm qbil fuq is-sit, il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni sabiex jitlob permess lil Transport Malta u kemm il-darba ikun hemm approvazzjoni, jimplimenta t-talba li kienet waslitlu, flimkien ma progett iehor fl-istess zona li l-parkegg isir angulat.

07/03/07 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Lulju 2015, residenti fi Triq il-Merzuq talbu lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi fit-triq in-kwistjoni jigu installati traffic calmers sabiex jigi evitat periklu ghall-pedonali kawza ta' sewqan eccessiv. L-istess residenti talbu illi jsir qtugh ta' haxix hazin minn sit abbandunat li kien hemm fl-istess triq. Permeszz tal-istess ittra il-Kunsill Lokali gie mitlub ukoll jinstalla numru ta' *litter bins* u *dog bins* fi Triq il-Merzuq.
Wara diskussjoni libera dwar il-qtugh ta' haxix, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kien qieghed iwettaq dmiru billi jaqta' l-haxix hazin minn fuq il-bankina. Madanakollu l-haxix hazin li kien hemm fis-sit abbandunat imsemmi fl-ittra ma setax jinqata' peress li kien jinstab fi proprjeta' privata. Il-Kunsill Lokali qabel ukoll illi fi Triq il-Merzuq jigu installati zewg *dog bins* ghalkemm ghal ragunijiet logistici ma setax jinstalla' l*itter bins* fl-imsemmija triq. Rigward it-talba ghal traffic calmers, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi qabel ma tittiehed decizjoni, kellu jigi studjat l-effett li kien ser ikollhom speed cushions li kienu ser jigu installati fi Triq biswit dik in-kwistjoni. Kemm il-darba ikun hemm rizultati pozitivi, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jevalwa l-possibilita' illi jinstalla speed cushions fi Triq il-Merzuq.

## 07/04 <u>Rapport Finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu April-Gunju 2015</u>

07/04/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' rapport finanzjarju ghall-perjodu ta' bejn April u Gunju 2015 ghad-diskussjoni. Is-Sur Hall imbghad ghadda sabiex jaghti spejazzjoni dettaljata tad-dhul u l-infiq tal-Kunsill Lokali fil-perjodu kkoncernat u semma kif fost l-ohrajn id-dhul kien bejn wiehed u iehor hekk kif kien ippjana l-Kunsill Lokali. Mill-banda l-ohra l-infiq tal-Kunsill Lokali kien gie kkontrollat b'tali mod li l-Kunsill Lokali kiene nefaq wisq anqas minn dak li kien ippjana li ser jonfoq fil-kwart in-kwistjoni. Mistoqsi minn diversi kunsilliera fiex kienet tikkonsisti l-varjazzjoni fin-nefqa tal-Kunsill Lokali, is-Sur Hall qal illi l-akbar varjazzjoni kienet gejja mnn tnehhija ta' assi. Huwa zied jghid illi f'dan ir-rigward kien hemm varjazzjoni ta' madwar €75 000 liema somma influwenzat konsiderevolment in-nefqa tal-Kunsill Lokali

07/04/02 Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sur Kevin Barun issekondata mis-Sur Hermann Reuben Schiavone, il-Kunsill Lokali unanimament approva r-rapport finanzjarju hekk kif propost.



KB

**07/05** **Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv**

07/05/01 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat, kien gie ezawrit il-process sabiex jinhatar Segretarju Ezekuttiv gdid fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Lokali kien baghat id-dokumentazzjoni kollha relatata mal-ingagg tas-Sur Svetlick Flores lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u l-Ministru responsabbli mill-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali ghall-approvazzjoni. Is-Sur Barun zied jghid illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna li l-Kunsill Lokali jircievi l-hatra tas-Sur Flores fi zmien qasir.

07/05/02 Is-Sur Hermann Reuben Schiavone qal illi ghaldaqstant dan kien ifisser tmiem il-perjodu tas-Sur Duncan Hall bhala Agent Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Schiavone rringrazzja lis-sur Hall tas-servizz li kien offra lill-Kunsill Lokali. Sussegwentement, il-Kunsilliera b'mod kollettiv inghaqdu mas-sur Schiavone.

**07/06** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

07/06/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti ghall-approvazzjoni.

04/05/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Baldacchino, issekondat mis-Sa. Leanne Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**07/07** **Approvazzjoni ta' Petty Cash**

07/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Lulju u Awissu 2015

07/07/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Hermann Reuben Schiavone, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**07/08** **Approvazzjoni ta' Works/Purchase Orders**

07/08/01 L-Agent Segretarju Ezeuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet nehdiet sistemi godda ta' kif jigi ordnat ix-xoghol permezz ta' formoli ta' works/purchase orders differenti minn dawk precedenti. Il-hsieb wara l-inzijativa kien illi filwaqt li jkun hemm aktar dettalji dwar kif jigi ordnat ix-xoghol, il-Kunsill Lokali jkun f'pozizzjoni ahjar li jevalwa dan il-lat finanzjarju. Is-Sur Hall zied jghid illi minhabba l-fatt illi l-imsemmija procedura ma kenitx ilha li nbdiet l-informazzjoni relevanti kienet minima u ma setghetx titressaq ghas-seduta tal-Kunsill.

07/09 **Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv, u mistoqsijiet/ interventi mill-Kunsilliera**

07/09/01 Is-Sur Kevin Barun qal illi staqsa jekk kenux gew ippublikati l-avvizi fil-gurnali dwar bye-laws li kienu qieghdin jigu proposti ghal-lokalita'
L-agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-avvizi fil-gurnali kienu gew ippublikati hekk kif legalment stabbilit.



KB

07/09/02 Is-Sur Joseph Cutajar qal illi kien qieghed jircievi diversi ilmenti illi kien qieghed isir ipparkjar b'mod illiegali quddiem ranep li kien hemm fil-lokalita' u li kienu intenzjonati ghall-persuni bi bzonnijiet specjali specjalment persuni bi problemi ta' mobilita'.

07/09/03 Is-Sur Joseph Cutajar informa lill-Kunsill Lokali illi fl-opinjoni tieghu kien hemm il-htiega illi jsir tindif fi Triq Wied il-Qoton kantuniera ma Triq iz-Zurrieq. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel spezzjoni fuq il-post sabiex jara ix-xogholijiet.

07/09/04 Is-Sur Joseph Cutajar qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jinkludi xi kundizzjonijiet li jorbtu lil individwi/sidien ta' kummerc jnaddfu wara l-operat taghhom meta jinhargulhom permessi ghal attivitajiet specifici.
Wara diskussjoni libera, gie deciz illi apparti kundizzjonijiet li diga kienu qieghdin jigu inkluzi fil-permessi, il-Kunsill Lokali kellu jixtarr tajjeb id-dokumenti tal-permessi sabiex jevalwa l-eventwali possibilita' illi jizdiedu xi kundizzjonijiet.

07/09/05 Is-Sur Joseph Baldacchino qal illi Transport Malta kienet ser tkun qieghda tniehdi 40 rotta gdida fis-settur tat-trasport Pubbliku u staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi whud li kienu jikkoncernaw lil Birzebbuga. Wara li s-Sur Kevin Barun ta' spjega lill-Kunsill Lokali dwar il-materja, is-Sur Stanley Zammit ghadda lill-kunsilliera prezenti dettalji dwar x'kien talab il-Kunsill Lokali fis-settur u dwar xiex kien intlehaq qbil.

07/09/05 Is-Sur Joseph Baldacchino issuggerixxa illi l-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi joggezzjona ghal zviluppi fil-freeport. Wara diskussjoni qasira dwar il-materja, is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi l-perit Carmel Cacopardo kien qieghed jevalwa l-materja f'isem il-Kunsill Lokali.

07/09/06 Is-Sur Joseph Baldacchino talab lill-Kunsill Lokali jevalwa s-sitwazzjoni tal-bankini u diversi kurduni li ma kienux totalment accessibbli. Is-Sur Kevin Barun informa lil dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali kien applika sabiex permezz ta' skema mnehdija mir-Regjun Nofsinhar, numru ta' bankini isiru accessibbli ghall-persuni bi bzonnijiet specjali.

07/09/07 Is-Sur Joseph Baldacchino informa lill-Kunsill Lokali li kien qieghed isir xi littering fiz-zona tal-brolli/Freeport. Gie stabbilit illi l-art in-kwistjoni kienet privata u ma setghetx titnaddaf mill-Kunsill Lokali

07/09/08 Is-Sa. Leanne Grech infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet qieghda tircievi diversi ilmenti dwar infestazzjoni ta' grieden f'fondi mhux mibnija u ghelieqi biswit l-abitat u semmiet xi kazi specifici.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellha tingibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet centrali dwar il-materja.

07/09/09 Is-Sa Leanne Grech staqsiet fiex kienet waslet id-devoluzzjoni ta' proprjeta' fi Triq Zaren Dalli.
Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienet giet sottomessa l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha mehtiega sabiex tkun tista' ssir id-devoluzzjoni hekk kif ippjanat.



KB

07/09/10 Is-Sa Leanne Grech talbet lill-Kunsill Lokali x'kienet il-problema li kienet instabet dwar twahhil ta' lampa fi Triq id-Duluri.
Is-Sur Stanley Zammit informa lill-Kunsill Lokali illi l-lampa ma kenitx twahhlet peress li kien hemm nuqqas ta' qbil bejn ir-residenti rigward fejn kellha titwahhal l-imsemmija lampa.

07/09/11 Is-Sa. Leanne Grech talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi meta tinghalaq triq Hal Far jigi avzat shooting range li hemm gewwa Hal Far sabiex min ikun irid jaghmel uzu mill-facilitajiet tieghu juza triq alternativa.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sa. Grech

07/09/12 Is-Sa. Leanne Grech staqsiet lill-Kunsill Lokali dwar xatba li kien hemm biswit il-klabb tal-partit laburisa u jekk kienx il-kaz li jigu involuti rapprezentanti tal-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Persuni b'Dizabilita'.
Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-imsemmija xatba kellha tigi mkejla sabiex jigi stabbilit jekk kenitx accessibbli ghall-persuni li jaghmlu uzu minn siggu tar-roti.

07/09/13 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-website tal-Kunsill waslet ghal re-vamp tajba u jekk jista' jkun din ghandha tinkludi user friendly calendar tal-attivitajiet, inkluz dawk tal-ghaqdiet.
Kien hemm qbil unanimu illi fil-futur qarib, il-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq is-suggeriment tas-sur Zammit.

07/09/14 Is-Sur Stanley zammit qal illi nhar is-Sibt 22 ta' Awwissu 2015 kien ser isir il-post mortem dwar il-festa u talab lill-Kunsilliera prezenti sabiex jibghatulu kull ilment u/jew suggeriment mhux aktar tard mill-20 ta' Awwissu 2015.

07/09/15 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-Kunsill Lokali kellu lampa approvata hdejn il-gass division, u talab lill-Kunsill Lokali jevlawa l-possibilita illi jipprocedi bi spiza ta' approssimatament €250.
Kien hemm qbil illi l-lampa in-kwistjoni kellha tigi installata.

07/09/16 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-kunsill Lokali jekk kienx hemm data meta kienet ser tinqala' telephone box minghajr uzu li kien hemm fiz-zona ta' Wied il-Buni.
Is-Sur Zammit gie infurmat illi minkejja li kien hemm il-hsieb li tinqala mill-operatur innifsu, kienet ghadha ma gietx stabbilita data meta kienu ser isiru ix-xogholijiet.

07/09/17 Is-Sur Stanley Zammit ressaq is-segwenti suggerimenti ghal Triq S. Cachia Zammit:

i. Nissugerixxi li jsiru bollards dekorattivi mal-parapetti tar-residenti li qieghedin il-barra; (05/08 – sent e-mail to TM)

ii. Kull sena qed tkun problema (u spiza) sabiex jinzabar il-palm. Ir-request ilu li dahal minn Mejju u ghadu ma sarx. Forsi jkun aktar ghaqli jekk naghmlu sigar baxxi minnflok?

iii. Spral facata tal-istationary – ilu xhur mghotti bl-injam – perikoluz



KB

07/09/18 Is-Sur Stanley Zammit qal illi galadarba ma kellniex risposta dwar l-arblu tad-dawl hdejn il-Ferretti, nistghu nipprocedu bix-xoghol li diga kien approvat bi spiza ta' madwar €1000.

07/09/19 Is-Sur Kevin Barun qal illi kien qieghed jircievi kwantita' konsiderevoli ta' ilmenti rigward rimi ta' skart b'mod illegali f'fondi mhux mibnija.
Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha gie diskuss fost l-ohrajn il-fatt illi l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar kellha fond li permezz tieghu seta' jittella' cint madwar fondi simili. Is-Sur Joseph Baldacchino semma kif madanakollu meta kien sar kuntatt mal-imsemmija awtorita', l-kunsill Lokali kien gie infurmat illi ma kienx hemm fondi sabiex isiru x-xogholijiet.

07/09/20 Is-Sja Leanne Grech Irrimarkat ghal bzonn ta tabelli Dawret qalb iMqaddsa, hdejn il-Pitch tal-Waterpolo, sabiex jigi evitat xi incident. Il-Kunsillier SZ irrimarka li ser isiru sinjali godda, jahdmu bl-LED, bi prova, u jekk jirrizulta li jkunu tajbin, isiru permanenti.

07/09/21 Is-Sja Josette Busuttil irrimarkat il-bzonn ta tindif in-naha ta hdejn l-Alfresco Restaurant, minhabba li hemm rapporti ta grieden u tindif iktar ta spiss fil-bandli

07/09/22 Is-Sja Josette Busuttil irrimarkat li rigward il-hinijiet ta-gbir ta skart. Gie innutat li possibilment ikun hemm zewg problemi: nies qed johrogu il-boroz tard, jew il-kollettur jibda il-gabra kmieni. Fiz-zewg kazijiet, irid jigi ikkomunikat il-hinjiet tajjeb, u kullhadd ghandu josserva dawn ir-regoli.

07/09/23 Is-Sja Josette Busuttil irrimarkat li dove's pet. xtaq jagħmel tikennels Il-Kunsill ma qabilx.

**10** **Attivitajiet**

07/10/01 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet ittellghat attivita' fiz-zona tal-bajja s-sabiha b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga u l-kumpanija 2Mind Events. Is-Sindku zied jghid illi kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex nhar il-15 t'Awissu 2015 tittella' attivita' fiz-zona tal-qajjenza. Huwa zied jghid illi 2Mind Events kienet qieghda tipproponi illi tittella' attivita' bit-tema tal-qarnit nhar id-29 ta' Awissu 2015. L-imsemmija attivita', kemm il-darba tigi approvata kienet ser tittella' minghajr ma l-Kunsill Lokali ikun involut fi spejjez.
Wara diskussjoni libera li matulha gew diskussi d-dettalji tal-attivita', fuq proposta tas-Sur Kevin Barun issekondata mis-Sur Stanley Zammit u li ghaddiet b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali qabel illi tittella' l-attivita' proposta mill-kumpanija 2Mind Events.

**07/11** **Ambaxxatur (VOT16)**

07/11/01 Is-Sa. Leanne Grech infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi wara li kienet ikkordinat mal-Agent Segretarju Ezekuttiv u mas-Sindku kienet hejjiet posters u applikazzjonijiet sabiex dawk interessati jkunu jistghu japplikaw halli jinhatar Ambaxxatur minn Birzebbuga ghall-VOT16.
Wara li gew evalwati d-dokumenti proposti mis-Sa. Grech, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi u johrog sejha ghal espressjoni ta' interess.

**07/12** **Affarijiet ohra**

07/12/01 Ma kienx hemm



KB

**07/13** **Aggornament**

07/13/01 Is-Seduta spiccat fit-10:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Awissu 2015 fis-6:00p.m

**Kevin Barun**
**Sindku**

Data: 15/9/2015

**Svetlick Flores**
**Segretarju Ezekuttiv**